# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 95/2010/1 SM**

**Crocifissa *sive* Christine Abela armla George Abela, f'isimha propju u bħala leġittima rappreżentanti ta' bintha minuri Luana Antonella Abela li b'digriet datat l-4 ta' Ottubru 2016, assumiet hi l-istess atti tal-kawża u Eman Abela**

**v.**

1. **Valletta Gateway Terminals Limited (C – 38888)**
2. **Ignazio Messina & C. S.P.A., proprjetarja tal-bastiment M.V. Jolly Blu.**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Crocefissa *sive* Christine Abela armla ta' George Abela, f'isimha proprju u bħala leġittima rappreżentanti ta'

bintha minuri Luana Antonella Abela, u Eman Abela, ippreżentat minnhom fl-4 ta' Frar, 2010, li permezz tiegħu ngħad hekk:

"1. Illi r-rikorrenti huma l-eredi ta' George Abela, skont ma jirrizulta ahjar mid-dokumenti li qed jigu annessi u markati bhala Dokumenti EA 1 sa EA 3.

2. Illi fl-4 ta' Frar 2008, l-imsemmi George Abela, li kien *registered port worker*, kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta intimata Valletta Gateway Terminals Limited abbord il-bastiment M.V. Jolly Blu, proprjetà tas-socjeta estera IGNAZIO MESSINA & C. S.P.A, liema vapur kien sorgut f'Laboratory Wharf, Marsa/Kordin (Paola), meta safa milqut u mghaffeg minn *container* li kien gie merfugh minn *forklifter*, fejn safa korrut serjament u sussegwentement miet fil-21 ta' Frar 2008, b'konsegwenza tal-istess korriment u l-griehi serji li sofra.

3. Illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal dan il-korriment u l-mewt konsegwenzjali li seħħ ħtija tagħhom u minħabba nuqqas ta' diliġenza, prudenza u ħsieb u wkoll minħabba li ma ġiex ipprovdut *a safe working environment*;

4. Illi l-intimati gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofrew ir-rikorrenti b'konsegwenza ta' dan l-incident mertu tal-kawza izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli *in solidum*, jew min minnhom, ghall-incident li fih korra George abela fl-4 ta' Frar 2008 abbord il-bastiment M.V. Jolly Blu li sussegwentement miet fil-21 ta' Frar 2008, b'konsegwenza tal-istess korriment.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dan l-incident, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimati solidalment, jew min minnhom, biex ihallsu lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' Mejju 2009 u tal-mandati ta' Qbid u ta' Impediment ta' Tluq ta' Bastiment tal-5 ta' Marzu 2008 kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà Valletta Gateway Terminals Limited, ippreżentata minnha fil-15 ta' Marzu, 2010, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"(i) Illi t-talbiet attrici kif dedotti u diretti kontra s-socjeta esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi in kwantu l-incident ma sehhx tort ta' xi nuqqasijiet attribwibbli lis-socjeta esponenti;

(ii) Illi bla pregudizzju ghas-sueccepiet jekk jirrizulta li kien hemm xi nuqqas fl-incident in kwistjoni, dan ma kienx la tas-socjeta esponenti u lanqas tad-dirigenti taghha jew ta' persuni minnha inkarigati u ghalhekk kull nuqqas jew negligenza li tista' tirrizulta, ghandu jwiegeb ghaliha direttament min, jekk ikun il-kaz, jirrizulta li naqas jew kien hekk negligenti.

(iii) Illi kuntrarjament ghal dak allegat fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat is-socjeta esponenti bl-ebda mod ma naqset milli tipprovdi 'safe system of work';

(iv) Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident in kwistjoni sehh minhabba nuqqas da parti tad-decuius li jsegwi proceduri ta' prudenza abbord il-vapur in kwistjoni u/jew minhabba nuqqas ta' diligenza, prudenza u hsieb da parti tal-konvenuti l-ohra;

(v) Illi ghalhekk l-ewwel talba kif diretta kontra s-socjeta esponenti m'ghandhiex tintlaqa;

(vi) Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jigu likwidati jew imhallsa mis-socjeta esponenti u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet ghandhom jigu michuda;

(vii) Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;"

3. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Ignazio Messina & C. S.P.A. proprjetarja tal-bastiment M.V. Jolly Blu, ippreżentata minnha fit-30 ta' April, 2010, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi s-socjeta konvenuta Ignazio Messina & C S.P.A tirrespingi t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hi qdiet l-obbligi taghha b'mod diligent u ma agixxietx b'nuqqas ta' diligenza u prudenza kif allegat mill-atturi. F'kull kaz hija ma kkontribwietx ghal jew ma kkawzatx il-mewt ta' George Abela.

2. Illi konsegwentement s-socjeta attrici ma ghandhiex tigi kundannata thallas ebda danni lill-atturi.

3. Illi f'kull kaz u minghajr pregiudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi dina l-Qorti ssib xi responsabbilita fil-konfront tas-socjeta

> eccippjenti, d-danni reklamati mill-atturi huma limitati skond il-ligi kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz."

4. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Ottubru, 2016, wara li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetà konvenuta f'dan is-sens:

> "1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnha, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

5. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ġunju, 2017, li permezz tagħha filwaqt li laqgħet it-talbiet attriċi, ċaħdet ir-risposti tas-soċjetajiet konvenuti; iddikjarat is-soċjetajiet konvenuti responsabbli *in solidum* għall-inċident in diżamina li fih korra George Abela fl-4 ta' Frar, 2008, abbord il-bastiment M.V. Jolly Blu u li sussegwentement miet fil-21 ta' Frar, 2008, b'konsegwenza tal-istess korriment; illikwidat id-danni mġarrba mill-atturi fl-ammont ta' €776,729.53 u kkundannat lis-soċjetajiet Valletta Gateway Terminals Limited u Ignazio Messina & C. S.P.A. sabiex iħallsu *in solidum* lill-atturi l-ammont ta' danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż, kif mitluba fir-rikors ġuramentat promotur u bl-imgħaxijiet dovuti mid-data tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju, 2009, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess soċjetajiet konvenuti *in solidum.*

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“17.0. Illi l-fatti li essenzjalment taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu sintetikament jigu elenkati bil-mod segwenti:

17.1. Illi fl-4 ta’ Frar, 2008, George Abela, rispettivament ir-ragel u missier ir-rikorrenti, kien qed jahdem flimkien m’ohrajn, abbord il-bastiment *M.V. Jolly Blu* proprjeta` tas-socjeta` intimata Ignazio Messina & C. S.P.A., u fuq inkarigu tas-socjeta` intimata Valletta *Gateway Terminals Limited*;

17.2. Illi dakinhar l-imsemmi vapur kien sorgut f’Xatt il-Laboratorju, il-Marsa/Kordin;

17.3. Illi xoghol l-imsemmi George Abela kien jikkonsisti f’li jholl il-*containers* li kien hemm fl-art tal-istiva tal-vapur *de quo* mill-irbit taghhom, liema irbit kien intiz biex l-istess ma jeghlbux waqt it-tragitt;

17.4. Illi biex l-istess *containers* kienu jistghu jitnizzlu l-art fuq il-moll kien jinhtieg li jigi effettwat is-segwenti:

17.4.1. Illi l-haddiem tax-xatt iholl l-irbit tal-*containers*;

17.4.2. Illi permezz ta’ *forklifter* l-istess *containers* kienu jingarru ghal fuq *trailer* baxx gia` ippozizzjonat fuq *lift* li hemm fl-istiva, (ara foll 267);

17.4.3. Illi *lift* kien itella’ l-*container* sal-livell tal-garaxx tal-bastiment;

17.4.4. Illi sussegwentement, it-*trailer* baxx kien jigi mnizzel l-art bil-*container* fuqu mir-rampa tal-bastiment;

17.4.5. Illi l-*forklifter* li kien qed jintuza dakinhar tal-incident kien jahdem bid-*diesel*, (ara foll 267 u 275);

17.4.6. Illi l-haddiema fl-istiva kienu qed jahdmu b’sistema li jahdmu nofs siegha fl-istiva u nofs siegha barra, u dan, minhabba d-dhahen tad-*diesel*, (ara foll 267);

17.4.7. Illi l-haddiema tax-xatt qatt m’inghataw maskli biex jipproteguhom minn dawn id-dhahen tad-diesel, (ara foll 267);

17.4.8. Illi waqt li kien qed isir ix-xoghol in dizamina kien hemm il-foga tad-dhahen mill-*forklifter*, (ara foll 268);

17.4.9. Illi min ikun qed jopra l-*forklifter* ikollu persuna ohra fil-genb biex jaralu, (ara foll 268);

17.4.10. Illi l-*forklifter* kien proprjeta` tal-vapur, (ara foll 275);

17.4.11. Illi peress li l-*forklifter* kien kbir kien jirristringi l-area minn fejn wiehed ikun jista' jghaddi u wiehed kien ikun kostrett jirfes fuq il-*lift* biex jghaddi, (ara foll 215 u 277);

17.4.12. Illi l-incident sehh fl-istiva *de quo* fejn jirrizulta li ma kienx hemm:

"*safety passage ways* minn fejn jghaddi, allura kellu jghaddi bil-fors minn wara l-*container* u l-*forklifter* laqghat il-*container* u ghaffeg il-vittma", (ara foll 215);

Ikkunsidrat:

18. Illi epurat l-analizi fattwali tal-incident in dizamina hu issa indikat li tigi indirizzata l-eccezzjoni preliminari ulterjuri rigwardanti l-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` intimata Valletta *Gateway Terminals Limited* fl-ahhar stadju ta' din il-procedura;

19. Illi l-istess eccezzjoni preliminari ulterjuri hekk sollevata hi *ai termini* tal-artiklu 29 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta li tistipula li minkejja kull ligi ohra:

"...ma tista' tittiehed ebda azzjoni kontra l-Awtorita` jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet taghhom ... jew hsara li ssir lil xi persuna ... abbord bastiment kemm- il darba:

"a. talba bil-miktub ... ma tinghatax lill-Awtorita` jew il-kuntrattur ... mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oggetti kienu accettati mill-Awtorita` jew mill-kuntrattur;

"b. l-azzjoni ma tinbedix fi zmien tnax-il xhar mill-imsemmija data";

20. Illi r-rikorrenti sintetikament irrispondew billi:

20.1. Isosstnu illi dan hu perjodu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni;

20.2. Illi l-istess eccezzjoni giet sollevata sitt (6) snin wara r-risposta guramentata;

20.3. Illi ghalhekk dan jimporta d-dekadenza tas-socjeta` intimata involuta mid-dritt li tqajjem tali eccezzjoni;

20.4. Illi *di piu`*, il-Kap 352 fuq riferit jirregola hsarat ikkagunati b'konsegwenza tal-qadi tar-responsabbilitajiet tal-Awtorita` jew kuntrattur biss, u dan, fl-ambitu partikolari tal-obbligi li ghandu l-principal li jipprovdi ambjent li jipprotegi s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

Ikkunsidrat:

21. Illi l-istess artiklu 29 tal-Kap 352 *de quo* ikompli jistipula wkoll li l-Awtorita` jew il-kuntrattur:

> "...jista' jestendi z-zmien specifikat fil-paragrafu (a) b'dak iz-zmien l-iehor ta' mhux izjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setghetx issir b'mod xieraq fiz-zmien specifikat...;
>
> "Izda wkoll ... ma jkunux responsabbli ghal aktar mill-ammonti stabbiliti b'ligi, jew f'dawk ic-cirkostanzi li jistghu jkunu preskritti";

Ikkunsidrat:

22. Illi f'dan id-dawl issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Joseph Casha vs. Valletta Gateway Terminals Limited et***, datata s-***27 ta' Frar, 2017***, fejn fir-rigward gie ritenut is-segwenti:

> "Illi fil-kaz in dizamina, l-attur mhuwiex utent tas-servizzi li toffri l-Awtorita` jew kuntrattur taghha. Huwa veru li l-attur hu suggett ghall-gurisdizzjoni tal-Awtorita`. Huwa veru li s-sigurta` ta' impjegat jew ta' persuna imqabbda minn kuntrattur jew l-Awtorita`, hi responsabbli taghhom, pero` tali responsabbilita` tohrog minn ligijiet ohra *ad hoc* dwar is-sahha fuq il-post tax-xoghol u mhux mill-Kapitolu 352";

23.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad is-segwenti:

> 23.1. Illi d-*decuius* kien gie inkarigat biex jaghmel xoghol ghall-kuntrattur;
>
> 23.2. Illi l-istess *decuius* ma kienx l-utent tas-servizz offrut taht il-Kapitolu 352 fuq riferit;
>
> 23.3. Illi s-sentenza pre-citata fil-paragrafu precedenti tghid f'dan ir-rigward li:
>
>> "Ir-relazzjoni guridika tal-attur mal-kuntrattur jew mal-Awtorita` fejn tidhol is-sahha u s-sigurta` ta' haddiema fuq il-lant tax-xoghol, mhix regolata bil-Kapitalu 352 u ghalhekk ma jistax jinghad bl-ebda mod illi l-Kap 352 hija ligi specjali li tirregola din il-materja u li ghandha tipprevali fuq il-ligi generali";

Ikkunsidrat:

24. Illi mertu identiku gie wkoll deciz mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Anton Debono vs. Valletta Gateway Terminals Limited***, datata t-***8 ta' Frar, 2017***, fejn l-istess qorti kkonfermat li dan il-perjodu ta' dekadenza ma japplikax ghall-haddiem tax-xatt li jkun korra waqt ix-xoghol tieghu li jkun inghatalu fuq inkarigu

tas-socjeta` intimata *qua* kuntrattur skont il-ligi, u f'dan ir-rigward tissottolinea s-segwenti:

> "Tqis illi l-iskop dikjarat tal-Kap 352 huwa 'biex jipprovdi ghat-twaqqif ta' partijiet f'Malta, ghar-registrazzjoni u licenzjar ta' dghajjes u bastimenti u sabiex jirregola l-uzu taghhom fl-ibhra territorjali ta' Malta u biex jistabbilixxi drittijiet u hlasijiet u hwejjeg ohra ancillari ghall-bastimenti'. Minn analizi dettaljata tal-Kap 352, jirrizulta illi l-obbligu tas-socjeta` konvenuta li tipprovdi "a safe working environment" lill-haddiema mqabbdin minnha, bl-ebda mod ma jinkwadra ruhhu fl-ambitu tal-Kap 352 u ghalhekk kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu m'ghandux ikun milqut mill-perjodu ta' dekadenza stipulat bl-artiklu 29 tal-Kap 352";

25. Illi in vista tal-premess ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mis-socjeta` intimata Valletta *Gateway Terminals Limited* ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi fuq il-meritu tal-procedura odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi s-socjeta` intimata Valletta *Gateway Terminals Limited* thaddem il-port tal-Belt u ghalhekk hi l-operatur tal-port, (ara foll 266);

26.2. Illi l-haddiema tax-xatt kienu jigu imqabbda jahdmu ghan-nom tal-istess socjeta` intimata indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 266);

26.3. Illi l-haddiema tax-xatt hekk inkarigati jridu jobdu lill-*foreman* taghhom, (ara foll 267);

26.4. Illi fix-xoghol li fih id-*decuius* kellu jahdem fl-4 ta' Frar, 2008, kien fil-*lower hall* – ta' l-istiva tal-vapur proprjeta` tas-socjeta` intimata Ignazio Messina & C S.P.A., (ara foll 267);

26.5. Illi dan ix-xoghol kien assenjat lid-*decuius* mill-*foreman* tieghu, (ara foll 267);

26.6. Illi biex "*containers*" jittellghu mill-istiva kien jintuza *forklifter*, (ara foll 267);

26.7. Illi la il-foreman responsabbli mill-haddiema tax-xatt in dizamina, u lanqas xi haddiem iehor ma kien ikkwalifikat bhala "Health and Safety Officer", (ara foll 267);

26.8. Illi ufficjal ta' dan it-tip imur fejn ikun qed isir ix-xoghol biss wara li tinqala xi problema, (ara foll 267);

26.9. Illi l-*forklifter* li kien qed jintuza kien jahdem bid-*diesel*, ghalkemm hemm ohrajn li jahdmu bil-gas, (ara foll 267);

26.10. Illi *forklifter* li jahdem bid-*diesel* jaghmel hafna dhahen, (ara foll 267);

26.11. Illi konsegwenza t'hekk l-istess *foreman* ta struzzjonijiet lill-haddiema tieghu biex meta jkunu qed jahdmu fl-istiva jdumu biss nofs siegha u mbaghad jaghmlu nofs siegha barra, (ara foll 267);

26.12. Illi meta l-haddiema jkun qed jaghmlu dan it-tip ta' xoghol, qatt ma gew ipprovduti b'maskli, (ara foll 267);

26.13. Illi l-*forklifter* kien ikun il-hin kollu jahdem fl-istiva tal-vapur;

26.14. Illi l-foga li kien hemm meta sehh l-incident kienet haga normali, (ara foll 268);

26.15. Illi l-operatur tal-*forklifter* ikun mghejun minn persuna ohra li jkun fil-genb biex jaralu, (ara foll 268);

26.16. Illi ghalhekk il-persuna li tkun qed topera l-*forklifter* ma jkunx qed jara sew minn dik in-naha fejn ma jkollux ghajnuna, (ara foll 268);

26.17. Illi meta d-*decuius* korra hu kien fl-istiva fejn kien ordnat jahdem bis-sistema fuq indikata;

26.18. Illi rizultat tad-duhhan mill-*forklifter* il-haddiema inqasmu f'zewg (2) gruppi ta' zewg (2) haddiema kull grupp, bi grupp minnhom jahdem perjodu ta' nofs siegha, waqt li l-grupp l-iehor jitla fuq biex jiehu n-nifs;

26.19. Illi konsegwentement dawn il-gruppi kienu jalternaw;

26.20. Illi l-*forklifter* uzat biex igorr il-*containers* fl-istiva tal-vapur *de quo* kien wiehed kbir u kien jithaddem u jinstaq fost il-haddiema fl-ispazju ristrett riskontrat, u kien ghalhekk jirristringi l-area minn fejn wiehed seta' jghaddi, (ara foll 277);

26.21. Illi l-*forklifter* hu proprjeta` tal-vapur de quo, (ara foll 268);

26.22. Illi meta l-operatur tal-*forklifter* jaqbad il-*"container"* dan:

> "... ma jkunx qed jara ghax ikollu qisu hajt quddiemu", (ara foll 268);

26.23. Illi d-*decuius* intlaqat mill-"*container*" min-naha fejn l-operatur tal-*forklifter* ma kellux minn jaralu biex jindikalu t-triq, (ara foll 268);

26.24. Illi fil-mument tal-incident meta l-*"container"* kien fuq il-*lift*, l-operatur tal-*lift* caqlaq ftit il-*"container"* u konsegwenza t'hekk ghaffeg lil George Abela bit-tarf tal-*"container"*, (ara foll 268);

26.25. Illi in-naha tal-*"container"* li ghafget lil George Abela kienet proprju dik in-naha fejn l-operatur *de quo* ma kellu lil hadd jiggwidah;

26.26. Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess operatur caqlaq il-*"container"* fl-ghama;

26.27. Illi fil-hin tal-incident George Abela kien fuq il-*lift*, u l-*foreman* kien fuq ghall-arja;

26.28. Illi ma jirrizultax li kien hemm *"safety signs"* fuq il-*lift* jew madwar il-post tax-xoghol *de quo*, (ara foll 96);

26.29. Illi s-*"safety passage ways"* ma kienux vizibbli, (ara foll 96);

26.30. Illi uhud mill-haddiema la kellhom *"high visibility vests"* u lanqas kellhom *"hard hats"*, (ara foll 96);

26.31. Illi fl-istess stiva jirrizulta li t-tipjip ma kienx ipprojbit, (ara foll 96);

26.32. Illi l-*"forklifter"* kellu l-vizibilita` tieghu oskurata meta jimxi 'l quddiem bil-*"container"*;

26.33. Illi generalment, il-haddiema tax-xatt kienu jilmentaw minn kondizzjonijiet hziena tax-xoghol;

Ikkunsidrat:

27. Illi fil-konkluzjoni taghha l-Magistrat Inkwirenti ikkonkludiet is-segwenti, (ara foll 36):

"...jirrizulta li George Abela kien miet mewta accidentali u li f'ebda hin ma rrizulta li kien hemm xi terzi persuni li b'xi mod kienu ghenu lill-istess incident, ma jidhirx li hu l-kaz li din l-inkjesta tigi prosegwita oltre dan l-istadju";

Ikkunsidrat:

28. Illi *nonostante* tali konkluzjoni ghandu jirrizulta pacifiku li mill-elenku tal-fatti kif fuq esposti, hi l-opinjoni konsiderata ta' din il-qorti li fil-kaz in dizamina s-socjetajiet intimati naqsu li jipprovdu dak l-ambjent necessarju biex is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema fuq il-post

tax-xoghol tkun protetta biex jigi evitat il-periklu ghas-sahha u ghall-hajja tal-istess, *molto piu`* f'ambjent li fih innifsu kien wiehed perikoluz;

Ikkunsidrat:

29. Illi f'dan ir-rigward il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza taghha fl-***ismijiet Vincent Galea et vs. Sammy Meilaq nomine***, datata s-***27 ta' Gunju, 2007***, sostniet is-segwenti:

> "... in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work", u dan tenut kont "tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu...";

30. Illi ghalhekk hu pacifiku li hu l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet appoziti li jassiguraw is-sahha u l-inkolumita` tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol u b'hekk, il-haddiema ma jkunux esposti ghal riskji inutili;

31.0. Illi minn ezami tax-xhieda li kienu qed jahdmu mad-*decuius* fil-hin tal-incident jirrizulta ukoll sintetikament is-segwenti:

31.1. Illi l-ispazju fl-istiva kien wiehed ristrett, (ara foll 277);

31.2. Illi haddiem irid joqghod attent kif jimxi fl-istiva ghaliex l-ispazju hu ristrett u mhux immarkat, (ara foll 277 u 96);

32.0. Illi ghalhekk jirrizulta s-segwenti:

32.1. Illi l-ambjent in dizamina kien wiehed ristrett, storbjuz, b'nuqqas ta' vizibilita`, b'nuqqas ta' arja, u minghajr indikazzjonijiet jew *"safety signs"*;

32.2. Illi ghalhekk l-istess ambjent fejn *forklifter* qieghed kontinwament jimla l-post bid-duhhan u jimmanuvra *"containers"*, hu wiehed perikoluz;

32.3. Illi l-fatt li l-*foreman* stess kien minn jeddu stabbilixxa turn ta' nofs siegha ghall-haddiema, jirrifletti din il-perikolozita` riskontrata;

33. Illi l-*lift* li fih sab ruhhu s-sinistrat hu wiehed uzat biex il-*"containers"* jittellghu mill-istiva tal-istess vapur biex jittiehdu fil-garaxx tieghu minn fejn ikunu jistghu jitnizzlu l-art;

34. Illi l-istess *"lift"* ma jirrizultax li fih *"safety signs"*, (ara foll 96);

35. Illifl-istess stiva fejn kien qed isir ix-xoghol ma jirrizultax li kien fiha *"safety passageways"*, (ara foll 96);

Ikkunsidrat:

36. Illi ghalkemm id-*decuius* ma kellux ikun fil-*"lift"* fejn kien meta sehh l-incident, jirrizulta li gie mghaffeg mill-*"container"* meta fit-terminazzjoni tax-*"shift"* tieghu kien qed jipprova johrog minn dak l-ambjent storbjuz, imdallam, u mimli duhhan;

37. Illi f'dik l-atmosfera deskritta fil-paragrafu precedenti u aktar qabel, in-nuqqas ta' sinjali ghall-hrug u minn fejn wiehed jista` jghaddi hu nuqqas serju hafna;

38. Illi in effetti tali nuqqasijiet jammontaw ghal negligenza grossolana daparti tas-socjetajiet intimati stante li rizultat bl-istess l-ambjent in dizamina, li hu gia` perikoluz minnu nnifsu, jigi rez aktar perikoluz;

Ikkunsidrat:

39. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetajiet intimati naqsu li jipprovdu dik kommunement imsejha *"a safe system of work"* skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi l-allegazzjoni riprodotta fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata *Valletta Gateway Terminals Limited*, (ara foll 292 paragrafu 14), li r-rapport tal-ufficjal responsabbli mis-sahha u s-sigurta` tal-impjegati taghha kien animat minn xi animozita` *stante* xi kritika indirizzata lejh mill-istess socjeta` intimata ma treggix u qed tigi respinta bhala inutilment odjuza *stante*:

40.1. Illi l-istess stat ta' fatt minnha allegat gie biss sollevat f'dan l-ahhar stadju tal-procedura u mhux tul il-procedura jew in kontroezami, fejn allura l-istess *"safety officer"* kien prekluz milli jaghti l-verzjoni tieghu;

40.2. Illi *di piu`* l-istess rapport jirrizulta li kien gie redatt meta l-istess ufficjal kien ghadu regolarment impjegat mal-istess socjeta` intimata;

40.3. Illi finalment jinghad li minn ezami tal-istess rapport, l-insinwazzjonijiet tas-socjeta` intimata in dizamina ma jsibu l-ebda konfort *stante* li r-rizultanzi hemm riprodotti gew ukoll oggettivament riskontrati fl-analizi tal-akkadut;

40.4. Illi konsegwentement, din l-insinwazzjoni tal-istess fil-konfront tas-*safety officer de quo* qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

41.0. Illi l-istess socjeta` intimata Valletta Gateway Terminals Limited issosstni li d-*decuius* ikkontribwixxa ghall-incident *stante* li:

41.1. Id-*decuius* ma kellu l-ebda funzjoni fit-tqeghid tal-*"container"* fuq il-*"lift"*;

41.2. Xoghol id-*decuius* kien biss biex jimmanuvra t-*"twist-locks"* qabel mal-*"container"* jitpogga fuq il-*"lift"* mill-*"forklifter"*;

41.3. Ghalhekk, id-*decuius* ma kellux ghalfejn ikun vicin il-*"lift"*;

42. Illi minkejja dan, meta sehh l-incident id-*decuius* spicca fuq il-*"lift"*;

43. Illi konsegwentement issosstni li l-incident in dizamina sehh *stante* li d-*decuius* m'uzax dik il-prudenza necessarja fir-rigward, u allura kien hu stess li wassal ghal mewt in kwistjoni, (ara foll 288);

Ikkunsidrat:

44. Illi *a skans* ta' ripetizzjoni inutili u ta' dilungar zejjed, jinghad li tenut kont tal-ambjent lavorattiv ipprovdut mis-socjetajiet intimati fuq elenkat, it-tezi proposta mill-istess socjetajiet intimati ma tistax tigi akkolta u konsegwentement ma ssib l-ebda responsabbilita` ghall-akkadut fl-operat tad-*decuius*;

Ikkunsidrat:

45.0. Illi finalment jigi sottolineat li ghalkemm bid-dikjarazzjoni tieghu il-bahhri ajjutant involut, (ara foll 234), jghid li qabel ma sehh l-incident hu kien gia` qal lid-*decuius* biex joqghod il-boghod, jinghad is-segwenti:

45.1. Illi b'daqshekk ma jirrizultax li ta indikazzjoni preciza fejn l-istess *decuius* kellu joqghod;

45.2. Illi l-istess affermazzjoni ma tirrizultax ikorraborata bi provi ohra oggettivament riskontrati;

45.3. Illi tenut l-ambjent storbjuz u zghir in dizamina, u anke *dato ma non concesso* li seta` intqal dan il-kliem, il-probabilita` hi li lanqas biss instema';

45.4. Illi *di piu`*, ma ngabet l-ebda prova li d-*decuius* kien jaf bit-taljan;

Ikkunsidrat:

46.0. Illi tenut kont tas-suespost issir issa, referenza ghall-artikli 1031 sa 1032 tal-Kodici Civili rigwardanti r-responsabbilita` fir-rigward:

46.1. **L-Artiklu 1031:** jistabbilixxi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;

46.2. **L-Artiklu 1032:** (i) hu meqjus bi htija kull min ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

(ii) hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba tali nuqqas jew ta' nuqqas ta' hsieb fi grad akbar;

46.3. **L-artiklu 1033:** kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk;

Ikkunsidrat:

47. Illi rigward il-qasam partikolari tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol jinghad li dan hu regolat mill-*Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta* li bis-sahha tieghu kien gie ppublikat ukoll fost hafna regolamenti ohra, l-*Avviz Legali 36 tal-2003*, *Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol*;

48. Illi flimkien dawn l-atti statutorji jikkodifikaw il-principji u d-dmirijiet generali li ghandhom jirregolaw il-qasam partikolari in dizamina;

49. Illi di piu` jigi sottolineat li skont l-artiklu 4(1) tal-Kap 424 fuq riferit l-istess qasam partikolari in dizamina hu meqjus bhala materja t'interess pubbliku;

Ikkunsidrat:

50. Illi skont l-artiklu 6(1) tal-imsemmi Kap, min ihaddem ghandu dejjem l-obbligu li jizgura s-sahha u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem;

Ikkunsidrat:

51. Illi fis-sentenza taghha l-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Raymond Psaila vs. Pisciculture Marine De Malte Limited***, datata d-***29 ta' Settembru, 2011***, intqal is-segwenti:

"...hija regola ohra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imghallem irid jizgura li jipprovdi lill-haddiema b'sistema xierqa ta' harsien minn kull periklu, (dak li bosta jsejhulu *"a safe system of work"*) fejn ikun sejjer issir ix-xoghol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir igorr mieghu grad gholi ta' responsabbilita` fuq l-imghallem, u jaqa' fuqu l-piz li jipprova li incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward";

52. Illi *nonostante* is-suespost, dan ma jfissir li f'dan ir-rigward tezisti responsabbilita` oggettiva fuq min ihaddem;

53. Illi in effetti, l-haddiem li jkorri jrid fl-ewwel lok jipprova li kien hemm nuqqas ta' mizuri ta' tharis tas-sigurta`;

54. Illi hu biss fil-fazi successiva li l-piz tal-prova imbaghad idur fuq min ihaddem biex b'hekk jiskolpa lilu nnifsu u b'hekk juri:

54.1. Jew li kien hemm forza magguri;

54.2. Jew li kien hemm traskuragni *da parte* tal-haddiem;

55. Illi kif irriteniet il-***Qorti tal-Appell (Superjuri)***, fil-kawza fl-ismijiet ***Felix Xerri vs. Beechwood Limited***, datata t-***3 t'April, 2009***:

"Ghar-rigward tal-principji li jirregolaw il-materja, din il-qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura "a safe environment" fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall- kuncett ta' *"strict liability"* ta' min ihaddem, u l-impjegat li jwegga' fuq ix-xoghol huwa obbligat li jipprova li l-incident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista' jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew kif sejhitilha l-ewwel qorti, "kwazi prezunzjoni", ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh incident li fih iwegga' haddiem. Hu obbligu tal-haddiem li juri u jipprova li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza *in subjecta materia*;

56. Illi ovvjament, min-naha tieghu l-haddiem ukoll jista' jkun negligenti f'xogholu u fil-fatt, l-artiklu 7(1) tal-Kap 424 *de quo* jistabilixxi s-segwenti:

"Huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir";

Ikkunsidrat:

57. Illi in vista tal-assjem tar-rizultanzi kollha fuq elenkati din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetajiet intimati huma responsabbli skont il-ligi ghall-akkadut u konsegwentement hu issa indispensabbli li tigi analizzata l-likwidazzjoni tad-danni subiti mir-rikorrenti rizultat tal-istess incident hawn in dizamina;

Ikkunsidrat:

58.0. Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni jinghad sintetikament is-segwenti:

58.1. Illi minn ezami tal-*"Final Settlement System"* tad-*decuius* l-introjtu tal-istess sejjer jitqies li hu fl-ammont ta' sitta u sittin elf tliet mija u seba' u tmenin euro u erbatax- il centezmu, (€66,387.14), (ara foll 59 *et sequitur*);

58.2. Illi fl-istess qed jittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-qligh futur tad-*decuius*;

Ikkunsidrat:

59.0. Illi rigward il-*"lump sum payment"* jinghad sintetikament is-segwenti:

59.1. Illi d-*decuius* kellu eta` ta' hamsin (50) sena meta sehh is-sinistru in dizamina (ara foll 123);

59.2. Illi a bazi tal-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Spiteri vs. Joseph Magro et***, datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, il-***"multiplier"*** li ghandu jigi hawn adottat ghandu jkun dak ta' tlettax **(13)**;

59.3. Illi f'dan ir-rigward il-***Qorti tal-Appell***, irribadiet is-segwenti fil-kawza fl-***ismijiet Annunzjata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri***, datata s-***27 ta' Frar, 2004***:

Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv";

59.4. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited***, datata t-***2 ta' Gunju, 2005***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

> "F'kazijiet kongruwi soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa, (*'lump sum payment'*), lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-

persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

59.5. Illi fid-dawl tas-suespost ghandu ghalhekk isir tnaqqis ta' ghaxra fil-mija, (**10%**);

Ikkunsidrat:

60.0. Illi fir-rigward tas-sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata Valletta *Gateway Terminals Limited* li fl-eventwalita` tal-likwidazzjoni tad-danni ghandu jigi rifless il-grad ta' dipendenza tar-rikorrenti fuq id-*decuius*, riflettenti l-livell ta' danni minnhom subiti, (ara foll 294), jinghad sintetikament is-segwenti:

60.1. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Angelo Galea et vs. Silvio Piscopo***, datata t-***3 t'Ottubru, 2003***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

"...mhux korrett u mhux gustifikat mill-kliem tal-ligi dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li biex jista' jinghata dan l-indennizz jehtieg li jkun hemm certa dipendenza tal-eredi mill-awtur taghhom jew ahjar mill-qligh li dan kien jaghmel jew ragjonevolment kien mistenni li jibda jaghmel";

60.2. Illi konsegwentement din is-sottomissjoni tal-istess socjeta` intimata *de quo* ma tistax issib l-avall ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat:

61.0. Illi fir-rigward tas-sottomissjoni ulterjuri tal-istess socjeta` intimata Valletta *Gateway Terminals Limited* li permezz taghha titlob li fil-konsiderazzjoni tad-danni ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni l-konsum personali tad-*decuius*, (ara foll 293), jinghad sintetikament is-segwenti:

61.1. Illi fl-istess decizjoni ***Galea et vs. Piscopo***, (ara paragrafu numru sittin punt wiehed, (60.1.), aktar qabel, gie sostenut is-segwenti:

"Il-qorti hi tal-fehma illi tali prattici ta' detrazzjoni ghall-*"own consumption"* u "grad ta dipendenza" ma jsibu l-ebda gustifikazzjoni skont il-vot tal-ligi... Mill-*punto di vista* tal-vot tal-ligi fl-artiklu 1045, (tal-Kodici Civili), din il-qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni, la logika u lanqas guridika, ghall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, jew "tal-konsiderazzjoni tal-posizzjoni socjali u ekonomiku – kummercjali tal-partijiet" servjenti bhala gwida ghall-gusta kompensazzjoni, (Ara Vol XXXIII PII p.1). Altrimenti jibqa` jkollha s-sitwazzjoni assurda, u mhux aktar tenibbli, illi l-mewt, rizultat ta' fatt illecitu, tkompli tiswa' nqas minn semplici menomazzjoni fizio- psikika konsegwenti mill-istess fatt";

61.2. Illi konsegwentement, anke din is-sottomissjoni tal-istess socjeta` intimata fuq riferita ma tistax issib l-avall rikjest minn din il-qorti;

Ikkunsidrat:

62. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis ghall-konsum personali u ghall-grad ta' dipendenza tar-rikorrenti fuq id-*decuius*;

Ikkunsidrat:

63. Illi konsegwentement is-somma li ghandha tigi likwidata ghandha tkun kostruwita bil-mod segwenti:

**€66,387.14 x 13 – 10% = €776,729.53**

Ikkunsidrat:

64.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi"

7. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta Ignazio Messina & C. S.P.A, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex (i) tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2017, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha, tiċħad it-talbiet attriċi mressqa mill-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati; jew (ii) subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-każ li ssib xi responsabbiltà għall-mewt ta' George Abela attribwibbli lis-soċjetà appellanti, tibdel u tvarja s-sentenza appellata mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-istess appellanti u b'hekk tnaqqas is-somma likwidata mill-Ewwel Qorti u tikkundanna lill-appellanti tħallas lill-appellati s-somma likwidata hekk imnaqqsa minħabba l-kontributorjetà tad-*decuius* George

Abela, kif ukoll minħabba t-tnaqqis għall-konsum personali tiegħu u l-grad ta' dipendenza u kull responsabbiltà li tista' tinstab fil-konfront tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi allokati skont it-tnaqqis u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti.

8. Rat ir-rikors tal-appell ta' Valletta Gateway Terminals Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti, tilqa' l-appell tagħha u tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2017, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha u tiċħad it-talbiet attriċi kollha u fil-każ li ma tiċħadx it-talbiet kollha attriċi, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, tilqa' t-talbiet attriċi unikament fil-konfront tas-soċjetà konvenuta l-oħra u sussidjarjament f'każ li din il-Qorti ssib responsabbiltà wkoll fiha fir-rigward tal-akkadut, tillikwida d-danni f'ammont inferjuri għal dak iffissat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti (*recte*: appellati).

9. Rat ir-risposta tal-atturi għar-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta Ignazio Messina & C. S.P.A, li permezz tagħha wieġbu li s-sentenza appellata timmerita li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, kemm għar-rigward tal-konklużjonijiet dwar il-ħtija għall-akkadut, kif ukoll dwar l-ammont ta'

danni likwidati, biċ-ċaħda tar-rikors tal-appell u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti.

10. Rat ir-risposta tal-atturi għar-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited, li permezz tagħha wieġbu illi s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, kemm għar-rigward tal-konklużjonijiet dwar il-ħtija għall-akkadut, kif ukoll dwar l-ammont ta' danni likwidati, biċ-ċaħda tar-rikors tal-appell u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti.

11. Rat li d-difensuri tal-partijiet fil-kawża ttrattaw l-appell rispettiv taż-żewġ soċjetajiet konvenuti quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2022, meta l-kawża baqgħet differita għas-sentenza.

12. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

13. Illi l-kawża in eżami titratta azzjoni ta' danni mressqa mill-atturi bħala eredi ta' George Abela, *registered port worker,* li meta fl-4 ta' Frar, 2008, kien qiegħed jaħdem fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited, abbord il-bastiment M.V. Jolly Blu, proprjetà tas-soċjetà konvenuta l-oħra Ignazio Messina & C. S.P.A., safa milqut

minn *container* u sussegwentement miet fil-21 ta' Frar, 2008. Kwindi l-atturi qegħdin permezz ta' din il-kawża jitolbu li, il-konvenuti jiġu dikjarati responsabbli *in solidum* għall-inċident li fih korra l-imsemmi George Abela, liema inċident wassal għall-mewt tiegħu; tillikwida d-danni mġarrba minnhom konsegwenza tal-imsemmi inċident u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment iħallsu d-danni hekk likwidati lill-atturi. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti.

14. Is-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited wieġbet fis-sens li (i) t-talbiet attriċi kif imressqa fil-konfront tagħha, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, peress li l-inċident ma seħħx tort xi nuqqas attribwibbli lilha; (ii) jekk jirriżulta li kien hemm xi nuqqas dan ma kienx tagħha, tad-diriġenti tagħha jew ta' persuni minnha nkarigati u għalhekk kull nuqqas jew negliġenza li tista' tirriżulta għandu jwieġeb direttament għaliha min jirriżulta li naqas jew kien hekk negliġenti; (iii) hija bl-ebda mod ma naqset milli tipprovdi "*safe system of work";* (iv) fi kwalsiasi każ l-inċident seħħ minħabba nuqqas tad-*decuius* li jsegwi l-proċeduri ta' prudenza abbord il-vapur u/jew minħabba nuqqas ta' diliġenza, prudenza u ħsieb da parti tal-konvenuti l-oħra; (v) għalhekk l-ewwel talba m'għandhiex tintlaqa'; (vi) konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati jew imħallsa minnha u għalhekk it-tieni u t-tielet talbiet għandhom jiġu miċħuda; u (vii) wara li ngħatat permess mill-Ewwel Qorti, ressqet eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li,

l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. Is-soċjetà konvenuta Ignazio Messina & C. S.P.A wieġbet għall-pretensjonijiet tal-atturi fis-sens illi (I) rrespinġiet il-pretensjonijiet tal-atturi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li hija qdiet l-obbligi tagħha b'mod diliġenti u ma aġixxietx b'nuqqas ta' diliġenza u prudenza kif allegat mill-atturi u f'kull każ hija ma kkontribwietx għal, jew ma kkawżatx il-mewt ta' George Abela; (II) konsegwentement is-soċjetà konvenuta m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas ebda danni lill-atturi; (III) f'kull każ, id-danni huma limitati skont il-liġi, kif jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

16. Is-soċjetajiet konvenuti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk kull waħda minnhom interponiet appell fil-konfront tal-imsemmija sentenza. Is-soċjetà konvenuta Ignazio Messina & C. S.P.A ssejjes l-appell tagħha fuq żewġ aggravji prinċipali:

(i) l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-appellati u kkundannat lis-soċjetà appellanti solidalment mas-soċjetà konvenuta l-oħra, mingħajr ma tat l-ebda każ lill-provi, rappreżentazzjonijiet u sottomissjonijiet imressqa mill-appellanti quddiemha kemm fir-rigward tar-responsabbiltà, kif ukoll fir-rigward tad-danni minnha likwidati; u

(ii) l-kundanna għall-ħlas tal-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali hija (a) *extra petita;* (b) ma tistax treġġi fil-konfront tagħha meta l-ittra uffiċjali ma saritx fil-konfront tagħha; u (c) tmur kontra l-prinċipju ġuridiku ta' *in illiquidis non fit mora,* kunsidrat li l-kawża in eżami kienet waħda *da liquidarsi,* fejn l-imgħaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza ladarba ġew likwidati d-danni.

17. Mentri l-appell tas-soċjetà Valletta Gateway Terminals Limited jissejjes fuq erba' aggravji li huma:

(a) L-ewwel aggravju tagħha jitratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta fejn tisħaq li dan il-provvediment tal-liġi kellu japplika "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra".

(b) Fit-tieni aggravju tagħha tikkontendi li ma kellhiex tiġi addebitata bir-responsabbliltà għall-akkadut, ġaladarba l-kawża prossima tal-inċident ma kienx xi att jew nuqqas da parti tagħha, peress li l-inċident seħħ minħabba azzjoni da parti tal-istess *decuius,* li naqas li jsegwi proċeduri ta' prudenza abbord il-bastiment.

(c) Id-danni likwidati huma eċċessivi u l-modalità adoperata mill-Ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tad-danni ma ssegwix

il-linja ta' ġurisprudenza relattiva għall-kwantifikazzjoni tal-*lucrum cessans.*

(d) L-applikazzjoni tal-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju, 2009, hija bi ksur tal-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*, meta l-azzjoni mressqa mill-appellati kienet waħda *da liquidarsi.*

**L-Artikolu 29 tal-Kap. 352**

18. Illi jitqies xieraq li l-ewwel jiġi trattat l-ewwel aggravju tas-soċjetà intimata appellanti Valletta Gateway Terminals Limited dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu tikkontendi li ma saret l-ebda talba bil-miktub fit-terminu ta' sitt xhur mid-data tal-inċident da parti tal-appellati fir-rigward tal-inċident mertu tal-kawża, liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza u lanqas inbdiet l-azzjoni fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data. Dan meta l-provvediment tal-liġi kellu japplika "*minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra*" tagħmilha mandatorja li din il-liġi tipprevali fuq kull liġi oħra.

19. Għandu jingħad mal-ewwel li, għalkemm din il-Qorti taqbel mas-soċjetà appellanti sa fejn hija ssostni li hija tikkwalifika bħala kuntrattur għall-għanijiet tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta, (Att dwar Portijiet u

Bastimenti) ma taqbilx mas-soċjetà appellanti fir-rigward tas-sustanza ta' dan l-aggravju. Minn qari tal-provvediment invokat mis-soċjeta` appellanti jirriżulta li fih jingħad:

> *"Minkejja d-disposizjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorita' jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeg oħra huma x' inhuma abbord bastiment kemm-il darba:*
>
> ***(a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b' mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorita' jew lill-kuntrattur, skond il-każ, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu accettati mill-Awtorita' jew mill-kuntrattur****;*
>
> *(b) l-azzjoni ma tinbediex fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data;*
>
> *Iżda l-Awtorita` jew il-kuntrattur, skond il-każ, jista' jestendi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu b'dak iż-żmien l-ieħor ta' mhux iżjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setgħetx issir b'mod xieraq fiż-żmien speċifikat kif intqal qabel;*
>
> *Iżda wkoll l-Awtorita' jew il-kuntrattur, skont il-każ, ma jkunux responsabbli għal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'liġi, jew f'dawk iċ-ċirkustanzi li jistgħu jkunu preskritti."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Konvenjentement, is-soċjetà appellanti fl-argumenti tagħha tagħmel enfasi fuq l-ewwel parti ta' dan il-provvediment. L-interpretazzjoni minnha mogħtija tiskarta għal kollox il-fatt li s-sitt xhur imsemmija huma marbuta "*mad-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati*".

20. Is-sentenza li għaliha tagħmel referenza l-appellanti fl-ismijiet **Raymond Saliba v. Valletta Gateway Terminals Limited** li ngħatat in prim' istanza fit-2 ta' Novembru, 2015, effettivament ġiet imħassra u revokata permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2021, fejn ingħad ukoll:

> *"Fil-kaz in ezami, ghandek talba ta' danni ghall-hsara personali li garrab l-attur fuq il-post tax-xoghol, konsegwenti ghall-incident in kwistjoni. Ma kien hemm l-ebda terminu li skatta ghall-fini ta' dan il-provvediment, ladarba ma kien hemm ebda "oggetti" li kellhom jigu "accettati".*
>
> *18. L-obbligu tad-danneggjat li jaghti avviz bil-miktub lill-Awtorita` jew lill-kuntrattur fi zmien determinat dwar l-oggett li dwaru jigi reklamat id-dannu, u l-limitazzjoni f'termini finanzjarji tal-azzjoni fl-Artikolu 29 tal-Kap. 352, huma provvedimenti simili ghal dawk li wiehed isib f'Konvenzjonijiet Internazzjonali li jirrigwardaw il-carriage of goods by sea. Hekk b'ezempju s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Lulju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet The Cargo Handling Co. Ltd v. John Abela Limited, fejn l-ex Artikolu 65 (illum Artikolu 29) tal-Kap. 352, gie mqabbel mal-Artikolu 3(6) tal-Hague Rules jew Regolament numru 6 taht l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Garr tal-Merkanzija bil-Bahar (Kap. 140) fil-kaz ta' azzjoni kontra l-vapur jew it-trasportatur bil-bahar. Fil-fatt f'dik is-sentenza nghad li l-provvediment tal-ligi ma kienx applikabbli peress li huwa japplika f'azzjonijiet kontra u mhux mill-Awtorita` jew kuntrattur. Fil-fatt, kwazi l-gurisprudenza kollha citata mill-partijiet titratta kawzi ta' danni relattivi ghall-merkanzija."*

Fl-istess sentenza saret referenza wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fil-31 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Sylvia Grech et v. Ministeru Responsabbli mit-Trasport u Kommunikazzjoni et,** fejn għalkemm huwa minnu li kienet titratta ċirkostanzi differenti mill-każ in eżami, ingħad proprju hekk fir-rigward:

> *"aċċettati mill-awtorità" – juri illi biex japplika dan l-artikolu jrid ikun hemm relazzjoni, derivanti mill-funzjonijiet, mir-responsabilitajiet jew mis-setgħat tal-awtorità, bejn l-istess awtorità u l-persuna li ġġarrab il-ħsara. Fil-każ tallum ma kienx hemm dik ir-relazzjoni bejn il-partijiet u ebda oġġetti li l-awtorità kellha, minħabba dik ir-relazzjoni, "taċċetta" mingħand l-atturi.*"

21. Hekk ukoll, f'dan il-każ, l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 m'għandux japplika fejn l-allegati danni ġew ikkawżati waqt li d-*decuius* kien qiegħed jaqdi d-dmirijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta appellanti. Huwa ma kienx utent tas-servizz mogħti mis-

socjeta` konvenuta, bħala kuntrattur tal-Awtorita` kompetenti , peress li ma kienx każ fejn kien hemm xi " *oġġetti li kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur*". Kif ġustament josservaw l-atturi appellati, ir-responsabbilta` tas-socjeta` appellanti bħala dik li tħaddem in-nies magħha meta titlob is-servizzi tal-ħaddiema tax-xatt huwa, li tipprovdi *a safe place of work* lill-impjegati tagħha, mhix responsabbilta` naxxenti mill-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta, izda hija parti mill-obbligazzjoni kuntrattwali li hija għandha fil-konfront tal-ħaddiema nkarigati minnha. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-**13 ta' April, 2018**, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Casha v. Valletta Gateway Terminals et** li tittratta sewwasew in-nuqqas ta' applikabilità tal-imsemmi artikolu għall-azzjonijiet ta' korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Huwa evidenti li l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 qiegħed jestendi l-protezzjoni mogħtija lill-bastimenti fil-ġarr ta' merkanzija lill-Awtorità u l-kuntratturi tagħha, fil-konfront ta' ħsara li jista' jsofri sid tal-merkanzija, billi jillimita wkoll id-danni li għandhom iwieġbu għalihom. Ċertament din il-limitazzjoni ma testendix għar-relazzjoni bejn is-soċjetà konvenuta appellanta bħala prinċipal u l-impjegati tagħha jew inkarigati minnha fir-rigward ta' inċidenti ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, materja regolata mil-liġi ċivili dwar responsabbiltà akwiljana (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta – Kodiċi Ċivili) u mil-liġi dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta - L-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol). Il-Kap. 352 japplika "*minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi*

*oħra*” f’dak li huwa regolat mill-istess Kap. 352, u mhux f’materja li ma hijiex regolata bl-istess liġi. Isegwi li dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited ma jreġix.

**Responsabbiltà**

22. Imiss li jiġi trattat aggravju komuni taż-żewġ appellanti, l-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta Ignazio Messina & C. S.P.A u t-tieni aggravju fil-każ tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited, dak dwar ir-responsabbiltà għall-inċident li seħħ, li wassal għall-mewt ta’ George Abela, fejn iż-żewġ soċjetajiet konvenuti jisħqu li kien in-nuqqas ta’ prudenza da parti tad-*decuius* innifsu li wassal għall-inċident li konsegwenza tiegħu tilef ħajtu.

23. L-ewwel punt sollevat mill-appellanti Valletta Gateway Terminals Limited huwa li George Abela kien jaqa’ fil-kategorija ta’ *self-employed* u li hija sempliċement titlob l-Iskema tal-Ħaddiema tax-Xatt li taqa’ taħt l-Awtorità għat-Trasport Malta, sabiex tgħaddilha numru ta’ ħaddiema nkluż *foreman*, sabiex iwettqu t-tagħbija jew il-ħatt minn fuq il-bastiment u sorveljanza rispettivament, għalhekk issostni li hija mhix il-prinċipal u lanqas id-datur tax-xogħol tal-ħaddiema tax-xatt.

24. Jiġi nnutat li dan il-punt ma tqajjimx bħala eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti u allura mhuwiex ġust li jiġi mressaq f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża. Fi kwalunkwe każ, jiġi osservat li t-tifsira tal-kelma ħaddiem mogħtija skont il-Kap. 424 hija hekk: *"min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir ix-xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem*" hija wiesgħa biżżejjed sabiex tinkludi l-ħaddiema tal-port li jiġu nkarigati jwettqu x-xogħol meħtieg ta' tagħbija u ħatt fuq struzzjonijiet tal-istess soċjetà konvenuta. L-Artikolu 6 tal-istess Att jistabbilixxi li:

> *"6. (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> ***Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:***
>
> *Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Fil-fatt is-soċjetà konvenuta appellanti kienet qegħda tagħmel użu mis-servizzi tal-ħaddiema tax-xatt, inkluż id-*decuius*.

25. Hekk ukoll, ir-regolament numru 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol) jipprovdi li:

> "*10.(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa,*

> *sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija ta' l-impriza:"*

Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Lulju, 2006, fil-kawża fl-ismijiet **Benjamin Sammut v. Meli Bugeja Company Limited**, ir-responsabbiltà għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn ħaddiem u min iħaddmu. Meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu d-dmir illi jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għall-inqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, huwa jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol. Kwindi ladarba l-bastiment fejn seħħ l-inċident ċertament kien taħt il-kontroll taż-żewġ soċjetajiet konvenuti, tant hu hekk, li l-istess soċjetà konvenuta appellanti Valletta Gateway Terminals Limited kienet tipprovdi uffiċjal tagħha sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet f'dak li huma *risk assessments* u li jara li jiġu prattikati wkoll "*għas-salvagwardja tal-ħaddiema tax-xatt ukoll*" (ara fol. 75) qajla jista' jirnexxi dan l-argument imressaq minnha. Dan apparti li t-tifsira ta' "ħaddiem" u "prinċipal ta' ħaddiema tal-port" skont l-Artikolu 2 tal-Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta, ixejjen t-teżi tal-appellanti li d-*decuius* kien *self-employed.*

26. In kwantu s-soċjetajiet appellanti jikkontestaw ir-responsabbiltà rispettiva tagħhom u jsostnu li l-kawża prossima għall-inċident kien l-istess aġir tad-*decuius,* għandu jingħad illi fejn jidħlu inċidenti fuq il-post tax-xogħol, meta persuna tkorri waqt li tkun qegħda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq min iressaq il-kawża. Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet, jew f'dan il-każ l-eredi tad-*decuius* jeħilsu mill-ħtieġa li jipprovaw l-allegazzjoni tagħhom. F'dan il-qasam, m'għandux jiġi adoperat il-kunċett ta' *strict liability*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Felix Xerri v. Beechwood Limited** li għaliha saret referenza mill-Ewwel Qorti). Dan peress li, il-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li kellhom jipprovaw l-atturi appellati, huwa n-ness li dak li seħħ, kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas ta' min iħaddem jew tas-socjetà li kien qiegħed jaħdem fil-proprjetà tagħha u li dak li ġara ma jkunx konsegwenza ta' aġir jew nuqqas tiegħu stess.

27. L-azzjoni attriċi hija waħda ta' danni, imsejsa fuq il-prinċipju ta' *culpa* akwiljana fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti appellanti. Din il-materja tinsab trattata fit-titolu "Fuq id-delitti u l-Kważi-Delitti" tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), fejn is-sens ewlieni hu li kull wieħed

iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (Artikolu 1031) meta jirriżulta li fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032) jew li jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (Artikolu 1033). F'dan l-aħħar każ, jingħad ukoll li d-danneġjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li:

> "*quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*". "(**Giorgi** - Obbligazioni Vol V pag 151).

28. Ir-regola ġenerali f'dan il-qasam li, min iħaddem irid jipprovdi *a safe system of work.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando *sive* Randu Zammit et**). Hemm grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, tant li da parti tiegħu għandu jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Kif ingħad qabel, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tapplika liġi speċjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem (Kap. 424). Apparti d-dmir ġenerali ċitat qabel li min iħaddem għandu dejjem l-obbligu li jiżgura s-saħħa u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem (Artikolu 6(1) tal-Kap. 424), fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittieħdu l-miżuri meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-

riskji (Artikolu 6 (2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424).

29. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju dwar ir-responsabbiltà tas-soċjetajiet konvenuti għall-inċident in kwistjoni, in kwantu fl-ewwel lok il-konklużjoni tal-istess uffiċjal inkarigat mis-soċjetà Valletta Gateway Terminals Limited fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà, Michael Spiteri, permezz tar-rapport tiegħu li sar wara l-inċident irrileva diversi nuqqasijiet, fosthom in-nuqqas ta' *air circulation* adegwata fl-ispazju ristrett tal-istiva fejn kienu qegħdin jaħdmu l-ħaddiema bil-foga tad-duħħan tad-*diesel* tal-*forklifter* li kien qiegħed iċaqlaq il-*containers,* tant li l-ħaddiema tal-port inkluż id-*decuius* kienu qegħdin jaħdmu bix-xiftijiet ta' nofs siegħa ta' żewġ ħaddiema kull turn, sakemm it-tnejn l-oħra jirkupraw in-nifs, in-nuqqas ta' sinjaletika madwar *il-lift,* u li "*safety passageways are not visible and the vessel lacks housekeeping*." (ara fol. 96 tal-proċess), kif ukoll ix-xhieda tal-istess Michael Spiteri mogħtija fil-mori tal-kawża.

30. Ma jeżistux raġunijiet validi li din il-Qorti twarrab ix-xhieda ta' Michael Spiteri kif tittanta targumenta l-appellanti Valletta Gateway Terminals Limited, peress li din ix-xhieda tinsab korroborata mill-ħaddiema tax-xatt, fosthom Antoine Mizzi li kien ukoll preżenti waqt il-ħin

tal-inċident, li jiddeskrivi l-ambjent xejn xieraq tax-xogħol: li kien hemm nuqqas ta' viżibilità tajba minħabba d-dħaħen li kien qiegħed jarmi l-*forklifter* li kien jaħdem bid-*diesel*. Meta lmenta dwar dan u jekk l-*extractors* kenux qegħdin jaħdmu sew, qalulu li kollox kien qiegħed jaħdem sew u huwa mar ġab maskra peress li d-daħna kienet insopportabbli. Jgħid ukoll li sinjali fejn jibda u fejn jispiċċa l-*platform* ma kienx hemm. Filwaqt li meta l-operatur tal-*forklifter* jdawwar u jsuq bil-*container* quddiemu kien ikollu *container* jimblokka l-viżwali tiegħu u minkejja li kien ikollu xi ħadd jaralu dan kien min-naħa waħda biss. Għalkemm huwa ma rax l-inċident iseħħ, peress li dak il-ħin kien qiegħed jaħdem fuq in-naħa tal-pruwa, mentri George Abela kien fi triqtu 'l barra mill-istiva meta seħħ l-inċident. Isostni li l-persuna li kienet qegħda tidderieġi lis-sewwieq tal-*forklifter* kien fuq in-naħa tal-lemin, mentri l-inċident seħħ fuq in-naħa tax-xellug u għalhekk din il-persuna ma segħetx tara lill-midrub. Jispjega li kien hemm sellum intiż sabiex il-ħaddiema joħorġu mill-istiva, iżda jsostni li wieħed bilfors kellu jgħaddi minn fuq il-lift sabiex jasal għas-sellum peress li kien hemm il-*containers* u l-*forklifter* fin-nofs. Dakinhar huwa stess kien għadda minn fuq il-lift u ħadd ma qallu xejn, jew kien hemm xi sinjal li wieħed ma jistax jgħaddi fuq il-lift. Jingħad minnu wkoll li għalkemm kien hemm *foreman* fuq il-bastiment, dan ma kienx isfel fl-istiva meta seħħ l-inċident. (ara fol. 108 *et seq*).

31. Dan jinsab ikkonfermat ukoll minn Armando Chircop, il-*foreman* responsabbli mill-operazzjoni ta' ħatt ta' *containers* dakinhar tal-inċident, mhux biss jikkonferma li filwaqt tal-inċident kien laħaq tela' mill-istiva peress li x-xogħol fl-istiva kien kważi lest (u jgħid li jekk ma jagħmilx hekk ix-xogħol idum erbat ijiem!), iżda jsostni li sabiex jevita xi diżgrazzja kien iħaddem tnejn min-nies kull nofs siegħa, anke peress li jkun hemm il-*forklifter* – deskrizzjoni tan-natura perikoluża li fiha jaħdmu dawn il-ħaddiema. Hekk ukoll jispjega li l-persuna li tkun qegħda topera l-*forklifter* ma tara xejn, imma jkollu wieħed jassisti li jidderiġieh sakemm il-*container* jitpoġġa fuq il-*cargo lift* u li xi kultant il-*forklifter* jinqala' 'l barra u jerġa' jmiss il-*container* sabiex jiġi fil-post. Jikkonferma li ż-żewġ ħaddiema li kien imiss jaqilgħu l-aħħar żewġ *containers*, kienu qegħdin jaħdmu n-naħa tal-pruwa, filwaqt li George Abela kien wasal fl-aħħar tax-xift tiegħu u għalhekk kien tiela' fuq. Mistoqsi kif jgħaddu l-ħaddiema min-naħa tal-pruwa għall-poppa, jispjega li wieħed irid joqgħod attent jagħmel sinjal lil tal-*lifter* li ser jgħaddi u jaqsam meta jarah li qiegħed 'il bogħod. Fil-fehma tiegħu hija loġika li wieħed irid jgħaddi minn fuq id-*deck*. (ara fol. 140 *et. seq*.) In kontroeżami jikkonċedi li jeżistu *forklifters* tal-gass li ma jagħmlux daqshekk dħaħen, iżda dan jifforma parti mill-apparat tal-vapur stess u li l-ħaddiema tax-xatt ma kenux jiġu provduti b'maskri sabiex ikunu jistgħu jieħdu n-nifs. Inoltre meta l-operatur tal-*forklifte*r jerfa' l-*container* dan ma jkunx jista' jara peress li jkollu qisu ħajt quddiemu u l-persuna li tkun

qegħda tassistih tkun qegħda taralu minn ġenb wieħed biss. (ara fol. 277 u 278)

32. Ħaddiem ieħor Francis Formosa jixhed li fuq xogħolhom ma kienx hemm il-ħtieġa li jgħaddu minn fuq il-*lift*, iżda peress li l-bastiment li kienu qegħdin jaħdmu fuqu mhuwiex kbir, wieħed ma setax jaħdem bil-libertà, apparti l-foga kbira li kien hemm minħabba l-*exhaust* tal-*forklifter,* tant li sieħbu kellu jilbes maskra tan-nifs*.* Kwindi jiddeskrivi l-ambjent bħala wieħed fejn kien hemm ħafna ġenn u ma kienx hemm fejn iddur (ara fol.252). In kontroeżami jkompli jispjega li peress li l-*lifter* huwa kbir dan jirrestrinġi l-arja minn fejn wieħed jista' jgħaddi u li sabiex wieħed jiskapula l-*lifter* u l-*container* wieħed ikollu jgħaddi minn fuq il-*lift* iżda jrid ikollok moħħok hemm ħa tara minn fejn ħa tgħaddi. Jgħid ukoll li fl-art ma hemmx sinjali minn fejn wieħed għandu jgħaddi.

33. Minkejja li Wye Keong Lai, *Operations Manager*, mas-soċjetà Valletta Gateway Terminals Limited, xehed li peress li kien hemm inċident preċedenti li wassal sabiex jiġi mpjegat *safety consultant* li għamel *assessment* tal-bastiment in kwistjoni u tal-operazzjonijiet tagħhom u li kienu qegħdin jadottaw dawn il-miżuri, la tressaq dan l-*assessment* u lanqas tressaq b'xhud *is-safety consultant.*

34. Minn eżami ta' din ix-xhieda in atti jirriżulta ampjament ippruvat li minkejja li s-soċjetajiet konvenuti kienu responsabbli mill-operazzjoni ta' ħatt minn fuq il-bastiment, ma tressqu l-ebda provi li ttieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji qabel ma bdew l-operazzjoni in kwistjoni, u wisq inqas ħadu xi miżuri sabiex jitnaqqsu r-riskji (apparti l-fatt li l-ħaddiema tax-xatt kienu jaħdmu b*'turn* kull nofs siegħa ta' żewġ persuni kull wieħed minħabba d-dħaħen). Naqsu wkoll milli jipprovdu t-tagħrif jew it-taħriġ meħtieġ lill-ħaddiema, tant li jirriżulta li l-istess ħaddiema ma kellhomx għarfien minn fejn jgħaddu fl-aħjar interess tagħhom u dak li l-*supervisor* jiddeskrivi bħala loġika, jidher li ma kienx daqstant ovvju għall-ħaddiema. Dan apparti n-nuqqas ta' superviżjoni xierqa sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-istess ħaddiema. Kif ġustament ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru, 1981, fil-kawża fl-ismijiet **Borg v. Wells *et nomine*** meta min iħaddem ikun qiegħed jippjana x-xogħol irid jieħu qies ukoll tal-fatt li xi kultant il-ħaddiema jsiru traskurati minħabba jew xogħol ta' rutina jew l-atmosfera li fiha jkunu qegħdin iwettqu x-xogħol tagħhom, id-diffikultajiet li jista' jsib ħaddiem ma' wiċċu fil-kors tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol u nuqqas ta' ħaddiema oħra, kwindi l-ħtieġa li tiġi provduta sistema ta' superviżjoni adegwata intiża sabiex jiġu evitati l-inċidenti. Għal din is-superviżjoni kienet responsabbli s-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited li skont ix-xhieda ta' Wye Keong Lai, jingħad "*we have to employ them by law to supervise a group of workers"* (ara fol. 159B).

Inoltre, kunsidrat l-ambjent li l-ħaddiema kienu jaħdmu fih, liema ambjent kienet responsabbli għalih ukoll is-soċjetà Ignazio Messina & C. S.P.A., bħala sid il-bastiment li fuqu kienu qegħdin jaħdmu l-ħaddiema, fejn bejn id-duħħan tal-*forklifter* li jagħmel użu mid-*diesel* f'post magħluq li jagħmilha diffiċli tieħu n-nifs u fejn bin-nuqqas ta' sinjaletika minn fejn kellhom jgħaddu l-ħaddiema, l-istess ħaddiema tpoġġew f'diffikultà li jħarsu dak li kien fl-aħjar interess tagħhom.  Dawn in-nuqqasijiet kollha jistgħu jitqiesu bħala n-ness jew il-kawża prossima li wasslu għall-inċident in kwistjoni u għalhekk din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Ewwel Qorti li ż-żewġ soċjetajiet konvenuti kellhom it-tnejn jitqiesu responsabbli għall-inċident in kwistjoni fi grad ugwali.

35. Is-soċjetà konvenuta appellanti Ignazio Messina & C. S.P.A. fl-appell tagħha ssostni li kien hemm diversi *safety signs* fuq il-*lift* jew fil-madwar u li s-*safety passageways* kienu viżibbli, u in sostenn tagħmel referenza għax-xhieda tal-Kaptan Scotto Diperta Domenico, li xehed "*There were tiles on the walls indicating exit routes and there were signs to indicate that you cannot use the lift to take you to the garage*."  Iżda dan jinsab kontradett minn Michael Spiteri li jixhed in kontroeżami dwar kif George Abela għadda minn wara *container* jgħid hekk: "*Għax ma kienx hemm safety passage ways minn fejn jgħaddi, allura kellu bilfors jgħaddi minn wara l-container u l-forklifter laqgħat il-container u għaffeġ lill-vittma. Kieku kien hemm fejn jgħaddi s-safety passage ways l-istorja kienet tkun*

*differenti."* (fol. 225) Minkejja li din il-Qorti fliet bir-reqqa r-ritratti a fol. 266 sa 268 li għalihom tagħmel referenza l-appellanti ma jirriżultax li jidhru dawn it-"*tiles*" jew "*safety passageways*". Kien jispetta lis-soċjetà konvenuta appellanti sabiex tipprova dak li hija ssostni bi provi konvinċenti. Hekk ukoll, minkejja li s-soċjetajiet appellanti jikkontendu li kien hemm sinjaletika adegwata u indikazzjoni ċara li wieħed ma jistax jitla' bil-*lift* għal ġewwa l-garaxx, l-unika sinjaletika li tirriżulta mir-ritratti esebiti in atti hija dik fir-ritratt Dok D4 a fol. 191 (jew Dok. MD4 a fol. 268) li kunsidrat li huwa ritratt ta' dettall imkabbar ta' dak esebit bħala Dok D3, fejn hemm miktub "*Prohibited to carry passengers*" ma tantx jitqies prominenti. Fi kwalunkwe każ, dak li huwa pprojbit huwa li n-nies jaċċedu għas-sular sovrastanti bl-imsemmi *lift* u mhux li ma jistgħux jaċċedu għall-bokka tat-taraġ biswit il-*lift*, tant li ma tirriżulta l-ebda sinjaletika fuq in-naħa l-oħra tal-*lift*, kwindi qajla jista' jingħad li din is-sinjaletika hija waħda adegwata.

36. Is-soċjetà appellanti Ignazio Messina & C. S.P.A. issostni li n-nuqqasijiet imsemmija dwar id-dħaħen u nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-arja u li s-sewwieq tal-*forklifter* ma jkunx jista' jara fejn sejjer, jinsabu kontradetti mix-xhieda tal-kaptan tal-bastiment li xehed li kien hemm ventilazzjoni tajba fl-istiva, li ma kienx hemm dħaħen eżatt wara l-inċident u li s-sewwieq tal-*forklifter* seta' jsuq mingħajr l-assistenza ta' xi ħadd li jaralu. Madankollu ma titqiesx daqstant kredibbli x-xhieda tal-istess

Kaptan, speċjalment meta wieħed jikkonsidra x-xhieda ta' Domenico Montebello, li kien ukoll baħri Taljan li fl-4 ta' Frar, 2008, kien jaħdem bħala "*Nostromo*" fuq il-bastiment fejn seħħ l-inċident, li xehed hekk: "*Io lavoravo come assistente forklifter. Assistevo ai lavori che dovevano proseguire. Il Tattoli prendeva i contenitori dalla posizione dove si trovavano sulla nave e poi gli portava sull'ascensore. Una volta che il contenitore era tirato su cera il-fork lifter che li metteva sul telagio per scaricarli. Quando eravamo sull ascensore e posizionavamo il contenitore gli io non ero sul ascensore, io ero a destra del contenitore. Il-forklifter stava retregiandosi dopo che aveva poratato il contenitore sull'ascensore. Ho ricevuto ordine da su che il contenitore non era al proprio posto sull'ascensore...Il movimento sul contenitore era indirizzato per metterlo con precisione sulla piattaforma. Poi al improviso ho sentito un urlo che veniva da dietro il contenitore. "* (ara fol. 262 u 263).

37. Kuntrarjament għal dak li ssostni s-soċjetà konvenuta appellanti Valletta Gateway Terminals Limited, il-bokka tat-taraġ li mill-istiva jwassal għal fuq kienet propju viċin il-*lift*, jiġifieri n-naħa tal-poppa u mhux in-naħa tal-pruwa (ara ritratt Dok. JB a fol. 124 u Dok. D3 a fol. 190 u x-xhieda ta' Antoine Mizzi). Minkejja li l-*foreman* jgħid li kien sens komun li wieħed ma jgħaddix minn fuq il-*lift,* sabiex jaċċedi għas-sellum li minnu wieħed seta' jitla' mill-istiva, u ma hemmx dubju li fl-ambjent perikoluż li fih il-ħaddiema kienu qegħdin jaħdmu, kien meħtieg li joqogħdu attenti ħafna,

l-fatt jibqa' li diversi ħaddiema xehdu li ġieli kienu jgħaddu minn fuq il-*lift* minħabba l-ispazju ristrett li kienu qegħdin jaħdmu fih. Lanqas ma jreġi l-argument tagħha li l-fatt li l-inċident seħħ meta kien qiegħed jiġi operat il-*gear* tal-bastiment, sabiex tittanta teżonera ruħha minn kull responsabbiltà, peress li għar-raġunijiet spjegati qabel f'paragrafu 35, dan mhuwiex l-uniku fattur determinanti li wassal għall-inċident in kwistjoni. Inoltre, il-fatt li l-Maġistrat Inkwirenti qieset li George Abela kien miet "*mewta aċċidentali*" u li ma kien hemm ebda terzi persuni "*li kienu b'xi mod għenu lill-istess inċident*", ma torbot bl-ebda mod lill-Qrati Ċivili li jiddeċiedu l-mertu ta' każ in eżami fuq l-assjem tal-provi mressqa mill-partijiet fil-kawża odjerna fuq il-principju *iuxta allegata et probata*.

38. Min-naħa l-oħra, il-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll, jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel u għal dak li jkun qiegħed jiġri madwaru. M'għandux jagħmel xogħol bil-għaġġla, li jista' jwassal għall-korriment tiegħu jew tal-kollegi tiegħu fuq ix-xogħol. Ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun ingħata, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom

min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jġarrab. Hekk ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited**:

> *"Huwa minnu li d-datur tax-xogħol għandu obbligu li jħares l-inkolumita` tal-impjegati tiegħu u dana billi jipprovdi dak li jissejjaħ 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Għandu wkoll jaċċerta ruħu li l-impjegati tiegħu jkunu mħarrġa sew dwar ix-xogħol li jkunu mistennija li jagħmlu.* ***Pero` daqstant għandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess tagħhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu ġew mogħtija lilhom mill-employer u inoltre jaġixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` tagħhom."*** *(enfasi ta' din il-Qorti)*

Għalkemm il-baħri Taljan li kien qiegħed iħaddem il-*forklifter*, Giuseppe Tattoli, jixhed li kien wissa lil George Abela madwar tliet darbiet sabiex ma jgħaddix minn fuq il-*lift* (fol. 244), ħadd mill-ħaddiema l-oħra ma sema' dawn it-twissijiet. Kwindi wieħed jistaqsi kemm dawn it-twissijiet saru, jew jekk saru, allura ma kenux effettivi, meta ma nstemgħu minn ħadd aktar, tant li lanqas jirriżulta li ttieħdet xi miżura fir-rigward da parti tal-*foreman.* Ma jirriżultax li l-ħaddiema ngħataw xi struzzjonijiet da parti tal-*foreman* li ma jgħaddux minn fuq il-*lift*.

**<u>Kontributorjetà</u>**

39. Madankollu l-liġi trid li fejn il-midrub ikun huwa stess li kkontribwixxa għall-inċident b'nuqqas ta' prudenza jew ta' ħsieb, jew kellu sehem għal dik il-ħsara li huwa ġarrab, il-Qorti hija mogħtija diskrezzjoni li tqis f'liema grad ikun hekk ikkontribwixxa jew ikun ta lok għal dik il-ħsara

konsegwenzjali li jkun ġarrab. Dan iġib miegħu tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun dovut lill-midrub, jew lill-eredi tiegħu f'każ ta' mewt, fejn ikun il-midrub stess li kkontribwixxa għal dak li ġralu. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:**

> *"Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Sammut v. Clamus Holding Limited (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament;*
>
> *"Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il- ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*
>
> *"Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew* ***meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-***

> ***imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;"*** (enfasi ta' din il-Qorti)

40. Din il-Qorti ssib li r-raġunament tas-soċjetajiet appellanti mressqa fl-appell tagħhom fil-konfront tal-kontributorjeta` tad-*decuius* għandu mis-sewwa, tal-inqas in parti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-deċiżjoni tad-*decuius* li jgħaddi minn fuq il-*lift* meta kien qiegħed jara li tpoġġa l-*container* fuq il-*lift*, u ddeċieda li jgħaddi minn warajh kienet waħda mgħaġġla u ażżardata kunsidrat li seta' faċilment jew jgħaddi minn quddiem il-*container* lil hinn mil-*lift* wara li l-*forklifter* ikun lesta u jreġġa' lura jew jistenna li jittella' l-*container* bil-*lift* u wara jaqsam minn fuq id-*deck*. Is-sens komun kien jiddetta li l-ħaddiem l-ewwel jistenna li titlesta l-manuvra sħiħa mill-operatur tal-*forklifter* u wara li jkun aċċertat li huwa sigur biss, jaqsam għan-naħa l-oħra tal-*lift.*

41. Stabbilit il-fatt li kien hemm element ta' kontributorjetà da parti tad-*decuius* għas-sinistru, filwaqt li huwa minnu li fejn tirriżulta ħtija kontributorja, huwa mħolli f'idejn il-Qorti sabiex tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-proporzjon tar-responsabbiltà, kif ukoll fejn ikun hemm inċertezza, din tinqasam b'mod ugwali, f'dan il-każ jitqies li kien hemm in-nuqqasijiet da parti tas-soċjetajiet konvenuti appellanti li kienu ħafna aktar gravi minn dik da parti tad-*decuius*. Kwindi m'hemmx lok li tiġi applikata l-ispartizzjoni ugwali bejn is-socjetajiet konvenuti u l-eredi tad-*decuius,* peress li m'għandu jkun hemm ebda inċertezza dwar in-nuqqasijiet

grossolani da parti tas-soċjetajiet konvenuti, li naqsu bil-kbir fil-konfront tal-ħaddiema nkarigati minnhom jew li kienu qegħdin jaħdmu abbord il-bastiment tagħhom. Isegwi li kellu jkun hemm temperament fil-proporzjon tar-responsabbiltà akkollata lis-soċjetajiet konvenuti, sabiex tirrifletti aħjar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u tad-*decuius*. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited** u dik tat-30 ta' Marzu, 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited**). Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li kien ikun aktar xieraq li jiġi deċiż li dik il-parti mir-responsabbiltà li għandha tinġarr mid-*decuius* għall-akkadut tkun dik ta' 20%, filwaqt li l-bqija tar-responsabbiltà fil-grad ta' 80% tiġi addebitata u spartita bejn iż-żewġ soċjetajiet konvenuti b'mod ugwali, fil-perċentwal ta' 40% kull wieħed, sabiex tirrifletti aħjar in-nuqqasijiet rispettivi tagħhom, hekk kif riskontrati qabel. Għalhekk dan l-ewwel aggravju tas-soċjetajiet konvenuti appellanti qiegħed jiġi parzjalment milqugħ kif appena spjegat.

***<u>Lucrum cessans</u>***

42. Imiss li jiġi trattat it-tielet aggravju tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited li jitratta l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* fl-ammont ta' €776,729.53, li hija deskritta bħala waħda eċċessiva fuq tliet aspetti :

(a) Id-dħul ta' €66,387.14 li fuqu l-Ewwel Qorti bbażat il-kalkoli tagħha li huwa bbażat fuq dak li l-appellati sejsu l-pretensjonijiet tagħhom, u meta wieħed jikkonsidra d-dħul dikjarat tad-*decuius,* jara li żdied l-introjtu b'madwar €10,000, mentri kien ikun aktar ekwu u ġust li jiġi kkalkulat fuq medja, b'żieda għall-għoli tal-ħajja skont il-Kap. 158.

(b) Tnaqqis għall-konsum personali tad-*decuius,* fis-sens li kieku d-*decuius* baqa' ħaj, kien jonfoq parti sostanzjali mill-paga sabiex jgħix. L-appellanti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fis-sens li dan it-tnaqqis ikun wieħed li solitament ivarja bejn 25% u 33% għall-konsum personali tad-*decuius.*

(c) L-Ewwel Qorti skartat ukoll l-aspett tad-dipendenza tal-atturi fuq id-*decuius* u filwaqt li jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza in sostenn tal-argument tagħhom, jargumentaw li kellu jsir tnaqqis ulterjuri ta' 25% għal grad ta' dipendenza in kwantu wieħed mill-appellati (mhux appellanti) huwa maġġorenni u għandu mpjieg fiss.

Is-soċjetà konvenuta l-oħra, għalkemm ma telenkax dawn l-elementi bħala aggravji fihom infushom, iżda tagħmel referenza għall-fatt li l-Ewwel Qorti ma segwietx il-linja ġurisprudenzjali fir-rigward.

43. Illi għandu jingħad mal-ewwel, li sa fejn l-appellanti tillimita l-aggravju tagħha għal dawn it-tliet elementi, il-fatturi l-oħra, jiġifieri l-*multiplier* u l-*lump sum payment deduction* li ntużaw fil-komputazzjoni tal-

*lucrum cessans,* u ma hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rigward, illum jitqiesu ġudikat u għalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tidħol fil-mertu tagħhom.

**Dħul**

44. Wara li din il-Qorti qieset l-FS3s esebiti in atti, li minnhom jirriżulta li d-*decuius* kellu dħul ta' Lm23,153 fis-sena 2005, Lm26,378 fis-sena 2006 u Lm24,853 (ekwivalenti għal €57,891.92) fl-2007, tqis validu s-suġġeriment tal-appellanti fis-sens li kien ikun aktar xieraq li l-ewwel Qorti tadotta medja ta' dawn it-tliet figuri, liema medja hija dik ta' Lm24,794.67, ekwivalenti għal €57,756.04. Din is-somma kellha tkun il-punt tat-tluq tal-kalkoli tal-Ewwel Qorti. Meta wieħed japplika ż-żieda tal-għoli tal-ħajja ta' 1% annwalment fuq il-medda ta' żmien adottat bħala *multiplier* ta' 13-il sena dan iwassal għas-somma ta' €65,731.77. Fil-verità wieħed irid imbagħad jieħu l-medja bejn dawn iż-żewġ figuri li jwassal għas-somma ta' €61,743.91. Hija din is-somma li titqies xierqa għall-fini tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans.*

**Tnaqqis għall-Użu Personali u Dipendenza tal-atturi fuq id-*decuius***

45. F'dan il-każ, il-vittma tal-inċident kien George Abela, l-atturi appellati huma l-mara u t-tfal bħala eredi tal-imsemmi George Abela.

Titqies relevanti f'dan ir-rigward l-analiżi magħmula mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha ċitata qabel ta' **Sammut v. Clamus Holding Limited** (27 ta' Settembru 2012 u konfermata minn din il-Qorti fil-principju fl-2016) fejn ingħad:

> *"Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-attur ma jkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-inċident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;*
>
> *Illi l-istess Qorti tal-Appell, imma żmien qabel is-sentenza ta' Butler v. Heard, kienet fissret li, f'każ ta' inċident li fih il-vitma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalet ukoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, m'hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilità, għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni;*
>
> *Illi fi żvilupp ta' dawn l-aħħar snin, din il-qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, ikunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtu, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi;*
>
> *Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta m'huwiex jedd mogħti iure hæreditatis, iżda jedd speċifiku mogħti mill-liġi lilhom ex jure proprio, u mhux minħabba trasmissjoni ope successionis;*
>
> *Illi, fil-fehma ta' din il-qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Petrie et v. Ciappara tat-22 ta' Ġunju 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal-likwidazzjoni tal-kumpens taħt l-artikolu 1045 (li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046);*

*Illi l-qorti tħoss li l-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza għandhom jissemmew fil-qosor:*

*(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' (4) għamliet ta' danni li għandhom jiġu risarċiti – jiġifieri: (i) telf attwali mġarrab mill-vittma; (ii) spejjeż minfuqin minnu; (iii) telf ta' paga jew qligħ attwali u (iv) telf ta' qligħ għall-ġejjieni;*

*(b) illi l-vittma jista' jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni;*

***(ċ) illi billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut;***

***(d) illi, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, pre-kundizzjoni u fattur essenzjali għall-għoti ta' kumpens; u***

***(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-qorti jkollha eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta jiġri fil-ġejjieni.**" (enfasi ta' din il-Qorti)*

Meta tqis dan it-tagħlim, kif ukoll il-fatt li kemm f'dan il-każ, kif ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et,** sar tnaqqis tal-perċentwal ta' 25% għall-konsum personali li kienet tagħmel il-vittma mill-kapital likwidat, tqis xieraq li f'dan il-każ ukoll ikun hemm dan it-tnaqqis li jieħu qies tal-konsum personali.

46. Meta miet George Abela, huwa kellu l-età ta' 50 sena u ħalla warajh lill-atturi martu, Crocefissa *sive* Christine Abela, mara tad-dar u liż-żewġt itfal, Eman, li kien maġorenni meta miet missieru (u li għandu impjieg fiss)

u Luana li kienet għadha tifla minorenni meta seħħ l-inċident. Kwindi kuntrarjament għal bosta mill-każijiet ċitati mill-appellanti, id-*decuius* kien dik il-persuna li taqla' l-għixien għall-familja, tal-inqas fil-każ ta' tnejn mill-atturi, li kellhom ċertament element qawwi ta' dipendenza fuq id-*decuius.* B'rabta ma' dak li ngħad fis-sentenza ċitata qabel (Sammut v. Clamus), ser isir tnaqqis ulterjuri ta' 25%.

47. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* f'dan il-każ, għandha ssir kif ġej:

€61,743.91 (multiplicand) x 13 (multiplier)= €802,670.83

Tnaqqis bħala *lump sum deduction* ta' 10%:

€ 802,670.83 - €80,267.08 = €722,403.75

Tnaqqis ta' 20% għall-ħtija kontributorja tad-*decuius:*

€722,403.75 – €144,480.75 = €577,923

Tnaqqis ta' 25% għall-użu personali:

€577,923 - €144,480.75 = €433,442.25

Tnaqqis ta' 25% relattiva għall-grad ta' dipendenza:

€433,442.25 - €108,360.56 = €325,081.69

Hija din is-somma ta' <u>€325,081.69</u> li ż-żewġ soċjetajiet konvenuti appellanti jridu jħallsu bejniethom lill-atturi appellati, bħala danni

konsegwenti għall-inċident in eżami u għalhekk dan l-aggravju tagħhom ukoll jimmerita li jintlaqa'.

**L-Imgħax**

48. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju taż-żewġ socjetajiet appellanti, dak rigward l-imgħax. Is-soċjetà Ignazio Messina & C. S.P.A tressaq tliet ilmenti taħt dan l-aggravju: (a) li l-atturi lanqas biss talbu l-ħlas tal-imgħax u għalhekk meta l-Ewwel Qorti kkundannatha tħallas l-imgħaxijiet fuq l-ammont likwidat mid-data tal-ittra uffiċjali hija kienet *extra petita;* (b) l-ittra uffiċjali ma saritx fil-konfront tagħha u għalhekk l-imgħax ma seta' qatt jiddekorri minn dik id-data fil-konfront tagħha; u (c) l-kawża hija waħda ta' danni *da liquidarsi* u għalhekk l-imgħax ma setax jiddekorri qabel ma ssir il-likwidazzjoni tad-danni u dan bi tħaris tal-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora.* Mentri s-soċjetà Valletta Gateway Terminals issejjes l-aggravju tagħha fuq żewġ binarji, dak li l-atturi lanqas biss talbu l-ħlas tal-imgħax fir-rikors promotur u fuq il-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora* u kwindi l-imgħax seta' jiddekorri biss mid-data tal-likwidazzjoni tad-danni permezz tal-għoti tas-sentenza.

49. In kwantu ż-żewġ appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti akkordat imgħax li ma kienx mitlub mill-atturi, li b'hekk aġixxiet *extra petita,* meta jitqajjem l-aggravju tal-*extra petita* huwa meħtieġ li wieħed jara x'ikun

intalab fl-att promotur. Il-kriterju hu li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawża tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wieħed ikun jista' jqis jekk dak mogħti fis-sentenza jkunx għal kollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita).* Ikun hemm każ ta' eċċess bħal dan, fejn il-ġudikant "*jibbaża r-raġuni tad-deċiżjoni fuq titolu, kawżali jew fatt ġuridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eċċezzjoni, jiġi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom*". (Ara **Grazio Mercieca: Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi**, p. 145). Dan il-każ ma jgħoddx fih iċ-ċirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula (Ara Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Giovanna Seguna pro et noe v. Giuseppe Vella** deċiża 5 ta' Frar, 1934 (Kollez. Vol: XXVIII.i.818)).

50. Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-6 ta' Frar, 2008, fil-kawża fl-ismijiet **Mekkanika Limited v. Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti,** ingħad hekk:

> *"l-interessi jistghu jkunu ta' tliet tipi:-*
>
> *(i) dawk moratorji dovuti b' titolu ta' rizarciment ta' danni ghad-dewmien tad-debitur fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni [Artikolu 1141 (1), Kodici Civili kombinat ma' l-Artikolu 1130 (1) ta' l-istess Kodici];*
> *(ii) dawk korrispettivi in kwantu jirrapprezentaw il-korrispettiv tat-tgawdija ta' somma determinata ta' flus oltre l-iskadenza tal-kreditu (Artikolu 1139, Kodici Civili);*
>
> *(iii) dawk kompensattivi, imprexxindibilment minn kwalsiasi dewmien jew dak tas-semplici skadenza tad-debitu. Normalment, dawn*

> *jinghataw b'titolu ekwitattiv biex jikkompensaw lil kreditur ta' l-obbligazzjoni mit-telf tal-godiment tas-somma rizarcitorja. Il-gurisprudenza jidher li tenuncja f'dan il-kuntest illi l-interessi fuq is-somma likwidata b' titolu ta' rizarciment tad-dannu ghandhom natura kompensativa bl-iskop li jigi evitat pregudizzju lil kreditur. F'kaz bhal dan, "il-Qorti ghandha diskrezzjoni minn meta takkordahom". Ara "Evaristo Psaila et -vs- George Spiteri", Appell Kummercjali, 12 ta' Frar, 1965"*

51. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm huwa minnu li l-atturi ma talbux imgħaxijiet fir-rikors promotur tagħhom, indubjament l-atturi jistgħu jitqiesu kredituri tas-soċjetajiet konvenuti mill-mument li ngħatat l-ewwel sentenza li stabbiliet ir-responsabbiltà tas-soċjetajiet konvenuti. Ġudikant għandu jipprovdi rimedju mhux biss fejn ikun ġie espressament mitlub mill-atturi, iżda wkoll meta jkun każ ta' *ex necessaria consequentia*. Kif konstantement ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, ladarba t-talba attriċi hija *da liquidarsi*, il-prinċipju għandu jkun dak ta' *in illiquidis non fit mora,* jiġifieri l-interessi jibdew jiddekorru mid-data li fiha tkun stabbilita s-somma dovuta, permezz ta' sentenza tal-Qorti. F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet **Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et**, peress li l-prinċipji enunċjati fir-rigward, għandhom japplikaw ukoll fil-każ odjern:

> "*F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u*

> *tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet*."

Kwindi, ladarba r-responsabbiltà tas-soċjetajiet konvenuti kienet stabbilita permezz tas-sentenza appellata, u f'dak il-mument l-atturi setgħu jitqiesu bħala kredituri tagħhom. Huwa ritenut li, għalkemm din il-Qorti ser tvarja l-ammont ta' danni likwidat, l-imgħaxijiet f'dan il-każ ukoll, għandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Dan l-aggravju għalhekk ukoll jimmerita li jintlaqa' limitatament, kif spjegat.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha din il-Qorti tiddeċiedi dwar iż-żewġ appelli tas-soċjetajiet konvenuti, fis-sens illi:

(i) Tilqa' in parti l-appell tas-soċjeta` konvenuta Ignazio Messina & C. S.P.A.;

(ii) Tilqa' in parti l-appell tas-soċjeta` konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited;

(iii) Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ġunju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi; u minflok:

(iv) Tiddikjara lis-soċjetajiet konvenuti solidalment responsabbli għall-inċident in kwistjoni fil-grad ta' 80% (fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, bil-perċentwal ta' 40% kull waħda minnhom),

filwaqt li d-*decuius* għandu jġorr 20% tar-responsabbilta` għall-istess inċident;

(v) Tillikwida bħala danni u tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jħallsu b'mod solidali lill-atturi s-somma ta' tliet mija, ħamsa u għoxrin elf, wieħed u tmenin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€325,081.69);

(vi) Bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

(vii) Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu in kwantu għall-perċentwal ta' erbgħin fil-mija kull waħda (40%) mis-soċjetajiet konvenuti appellanti u għoxrin fil-mija (20%) mill-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr